Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 47. Illum it-Tlieta, 9 ta' Dicembru 2008

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

***Approvazzjoni tal-Minuti***
***Korrispondenza***
***Komunikazzjonijiet mis-Sindku***
***Immanigjar tat-Traffiku fi Triq San Pietru u Triq Santa Marija***
***Kwotazzjonijiet ta' Madum ghall-Ufficcju Amministrattiv***
***Offerta ghal zewg Handymen mal-Kunsill***
***Affarijiet Mixxellanji***

## PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt,
Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino, il-Kunsillier Agostino Ebejer

Il-Laqgha giet immexxija mis-Sindku.

## MINUTI

**<u>382.0 Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

382.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

382.2 Billi ma kienx hemm korrezzjonijiet fuq il-Minuti, dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**<u>383.0 Korrispondenza</u>**

383.1 Il-Kunsill qabel li jixtri kopja tal-mappa ta' l-Assedju l-Kbir minn St. Patrick Salesian School ghal prezz ta' € 60.

383.2 Il-Kunsil gie nfurmat li s-Segretarju Ezekuttiv giet mahtura Deputat Segretarju tal-Kunsill Lokali Dingli, minn nhar il-Gimgha, 28 ta' Novembru.

383.3 Giet innotata l-korrispondenza mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-MEPA.

**<u>384.0 Komunikazzjonijiet</u>**

384.1 Is-Sindku nforma dwar l-attivita li thejjiet l-iskola bhala parti mill-attivitajiet f'eghluq il-hmistax 'il sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Is-Surmast laqqa' 'l-istudenti fis-sala ta' l-iskola, fejn kienu ndirizzati mis-Sindku. Numru ta' studenti hejjew komponiment dwar il-Kunsilli Lokali u numru minnhom staqsew id-domandi fuq dan is-suggett.

384.2 Is-Sindku tkellem dwar l-attivita li saret in konnessjoni ma l-anniversarju tal-Kunsilli Lokali nhar il-Hadd, 7 ta' Dicembru, fejn il-membri kollha tal-Kunsill u s-Segretarju Ezekuttiv imxew flimkien ma' Kunsilli ohra sal-konkatidral ta' San Gwann il-Belt, fejn saret quddiesa kkoncelebrata mill-Arcisqof Dun Pawl Cremona. Il-Kunsill kien akkumpanjat mill-Iscouts Joanne Mifsud u Josianne Micallef.

384.3 Is-Sindku nforma li bil-maltemp li sar fix-xahar ta' Dicembru, parti miz-zona maghrufa bhala cikken, fil-Bajja tal-Gnejna sfrondat bil-qawwa tal-mewg tal-bahar bil-konsegwenza li d-dghajjes ma setghux jigu mnizzla fil-bahar. Huwa qal li talab numru ta' stimi biex isir dan ix-xoghol u l-orhos offerta kienet tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet li ammontat ghal €3418. Huwa qal li dan ix-xoghol se jibda fl-ewwel gimgha ta' Jannar. Il-Kunsill approva.

384.4 Is-Sindku nforma li Dr. Joseph Muscat, Kap tal-Partit Laburista se jkun fuq zjara fl-Imgarr, nhar l-Erbgha, 10 ta' Dicembru u se jkun qed izur il-membri tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li waqt din iz-zjara, jinghata mudell tat-tempju ta' Hagrat bhala memento ta' l-okkazjoni. Il-Kunsill qabel.

384.5 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li nhar l-Erbgha, 10 ta' Dicembru, se ssir laqgha mill-kumpanija TCTC lil dawk li nkitbu ghal kors tal-kompjuter.

384.6 Il-Kunsillier Agostino Ebejer informa li qed jintefa l-iskart fejn il-Banjijiet Rumani. Sar qbil li tingibed l-attenzjoni dwar dan lill-Heritage Malta.

384.7 Is-Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien prezenti ghall-appell li ghamel il-kumpanija Denfar dwar l-offerta ghal konkos. L-Appell gie diferit ghal nhar il-Hamis, 15 ta' Jannar.

**385.0 Immanigjar tat-Traffiku fi Triq San Pietru u Triq Santa Marija**

385.1 Il-Kunsill innota l-korrispondenza u s-suggerimenti li baghtu r-residenti minn Triq San Pietru u Triq Santa Marija dwar l-immanigjar tat-traffiku f'dan iz-zewg toroq. Kien hemm qbil li ssir konsultazzjoni ma Hugh Arnett, il-Konsulent tal-Kunsill ghall-Immanigjar tat-traffiku, biex jaghti l-parir tieghu f'dan ir-rigward.

***386.0 Kwotazzjonijiet ta' Madum ghall-Ufficcju Amministrattiv***

386.1 Il-Kunsill gabar stimi u samples tal-madum li se jintuza fid-Day Care Centre u t-terazzin tieghu.

386.2 Is-Sindku ma ppartecipax fid-diskussjoni minhabba nteress familjari fwahda mill-kumpaniji li ssottomettew l-offerta.

386.3 Wara li gew analizzati l-prezzijiet u s-samples kien hemm qbil li l-madum tad-Daycare Centre jinxtara mill-kumpanija Bathroom Design ghal prezz ta' € 13.79 kull metru kwadru.

386.4 Kien hemm qbil li l-madum tat-terazzin jinxtara mill-kumpanija Blueline ghall prezz ta' €11.65 kull metru kwadru.

***387.0 Offerta ghal zewg Handymen mal-Kunsill***

387.1 Il-Kunsill fetah zewg offerti ghal servizz ta' Handymen mal-Kunsill. L-offerti gew sottomessi mis-Sur Paul Grech u s-Sur Joe Sammut ghal prezz ta' € 8.50 kull wiehed, ghal kull siegha xoghol.

387.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn l-offerti u kien hemm qbil li ssir kontroproposta biex tigi studjata l-possibilita li dawn inaqqsu l-prezz taghhom, peress li din kienet rata oghla mis-snin precedenti. Is-Sindku se jkellem liz-zewg handymen f'dan ir-rigward.

***388.0 Affarijiet Mixxellanji***

388.1 Il-Kunsillier David Battistino informa li l-grupp kulturali ta' Mathi mhux disponibbli biex din is-sena jaghmel ir-recta ta' Madre Tereza f'Malta, kif kien previst, izda huwa lest li jaghmel dan matul is-sena ta' wara. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni f'dan ir-rigward.

388.2 Il-Kunsillier David Battistino nforma li d-dati proposti ghall- Gemelagg huwa bejn it-30 ta' April u t- 3 ta' Mejju. It-2 ta' Mejju giet maghzula biex jithejja l-Gemellagg. Il-Kunsill se jiddiskuti dwar din il-materja fil-laqgha li jmiss.

388.3 Il-Kunsill se jipproponi lill-Kunsill Lokali Rabat u Kunsill Lokali San Pawl il-bahar li jinbidlu l-konfini biex parti mill-konfini taghhom, tizdied jew titnaqqas ma dik ta' l-Imgarr. Iz-zoni proposti huma t-tnaqqis taz-zona tad-Dwejra, filwaqt li tizdied dik fl-Imselliet.

388.4 Il-Kunsill qabel li jixtri kompjuter gdid biex ikun jista' jintuza ghall-uzu ta' l-Internet mill-pubbliku, filwaqt li dak li qed jintuza fil-prezent, jinghata lill-ghassa tal-pulizija kif propost.

388.5 Nhar il-Hamis, 11 ta' Dicembru, numru ta' studenti mill-iskola Immaculate conception se jkunu qed inaddfu l-Bajja tal-Gnejna. Il-Kunsill qabel li jipprovdi skip ghal dan il-ghan.

388.6 Giet approvata l-lista ta' hlasijiet annessa ma dawn il-Minuti.

388.7 Il-laqgha ntemmet fid- 8.45pm

388.8 Is-Sindku sejjah laqgha ohra nhar it-Tlieta, 13 ta' Jannar 2009, fis-6.30p.m.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku